A.L. 84 ta' l-1997

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (KAP. 261)

Ordni ta' l-1997 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 8)

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1997 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 8). Titolu.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar. Proprjetà speċifikata.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mill-4 ta' Ġunju, 1997. Jum stabbilit.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri: Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

(1) *Maisonette* bin-numru 133, Triq Salvu Psaila, Birkirkara (Tenement No. 62117).

(2) *Maisonette* bin-numru 155, Triq Salvu Psaila, Birkirkara (Tenement No. 62128).

(3) Id-dar bin-numru 4, Ringiela D, Triq iċ-Ċeżalpina, Ta' Paris, Birkirkara (Tenement No. 68479).

(4) Id-dar bin-numru 4, Ringiela E2, Ta' Paris, Birkirkara (Tenement No. 67779).

(5) Id-dar bin-numru 10, Triq it-Tiġrija, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Marsa (Tenement No. 71008).

(6) Id-dar bin-numru 39, qabel 6, Triq Tabija, Qasam tad-Djar tal-Gvern ta' Ghajn Kajjet, Rabat (Tenement No. 68663).

(7) *Maisonette* bin-numru 8, Blokk 5, Triq Għeriexem, Rabat (Tenement No. 64363).

(8) Id-dar bin-numru 28, Triq Mons. Mikiel Azzopardi, Siġġiewi (Tenement No. 71223).

(9) Id-dar bin-numru 38, Triq il-Għid, Bini tal-Gvern, Siġġiewi (Tenement No. 71173).

(10) *Flat* numru 5, Bieb A, Blokk I, Triq William Hardman, Ta' Ġiorni, San Ġiljan (Tenement No. 74059).

(11) Id-dar bin-numru 2, Area 12, Triq Lapsi, Bini tal-Gvern, Ta' Ġiorni, San Ġiljan (Tenement No. 68045).

(12) Id-dar bin-numru 29, Triq id-Deffa, Ta' Xbiex (Tenement No. 70672).

(13) Id-dar bin-numru 44, Triq il-Watar, Ta' Xbiex (Tenement No. 70682).

(14) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 128.43 metru kwadru maghrufa bhala Plot No. 63, Triq l-Istefanotis, San Ġwann, li taghmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern f'Neighbourhood II, San Ġwann, li tmiss mit-Tramuntana ma' Triq l-Istefanotis, mil-Lvant ma' proprjetà ta' Godwin Scicluna Taylor, u mill-Punent ma' Triq Ward il-Hena, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 63, Triq l-Istefanotis, San Ġwann, u li tinsab delineata bl-ahmar u markata P. 63 fuq L.D. 128/80/20. (HAP 58/96).

(15) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern ta' Santa Luċija, Neighbourhood I, kif hawn aktar 'il quddiem indikat —

(a) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 125.8 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 20, Triq iż-Żinja, Santa Luċija, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-Gvern, min-Nofs-in-Nhar ma' proprjetà ta' Peter Montebello, u mill-Punent ma' Triq iż-Żinja, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 1, Triq iż-Żinja, Neighbourhood I, Santa Luċija, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P. 20 fuq L.D. 11/82/70. (HAP 575/96).

(b) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 139.3 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 58, u sit quddiem il-Plot 58 li għandha kejl ta' madwar 101 metru kwadru, li jinsabu fi Triq l-Oleandri, Santa Luċija, liema Plot 58 tmiss mit-Tramunatna ma' proprjetà ta' Joseph Abela, min-Nofs-in-Nhar ma' proprjetà ta' Michael Camilleri, u mill-Punent ma' proprjetà ta' Francis Xavier Cachia, u liema sit tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Joseph Abela, min-Nofs-in-Nhar ma' proprjetà ta' Michael Camilleri, u mil-Lvant ma' Triq l-Oleandri, li fuqhom illum hemm mibni l-fond numru 23, Triq l-Oleandri, Neighbourhood I, Santa Luċija, u li sew il-Plot sew is-sit jinsabu delineati bl-aħmar u markati P. 58 u "B" rispettivament fuq L.D. 11/82/72. (HAP. 193/96).

(16) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern tan-Nigret, Żurrieq, kif hawn aktar 'l quddiem indikat—

(a) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 176.7 metru kwadru magħrufa bħala Plot 40, u sit wara l-istess Plot magħrufa bħala sit A, tal-kejl ta' madwar 8 metri kwadri, fi Triq Xandru D'Amato kantuniera ma' Triq Wied Babu, Żurrieq, liema plot tmiss mill-Majistral ma' Triq Xandru D'Amato, mil-Lbiċ ma' Triq Wied Babu, u mix-Xlokk ma' wesgħa pubblika, li fuqhom illum hemm mibni l-fond numru 40, Triq Xandru D'Amato kantuniera ma' Triq Wied Babu, Żurrieq, u li jinsabu delineati bl-aħmar u markati bħala Plot 40 u "A" rispettivament fuq L.D. 198/81/17. (HAP 530/96).

(b) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 133.26 metru kwadru magħrufa bħala Plot 44, u sit wara l-istess Plot magħrufa bħala sit D, tal-kejl ta' madwar 6 metri kwadri, fi Triq Xandru D'Amato, Żurrieq, liema Plot tmiss mill-Majistral ma' Triq Xandru D'Amato, mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Joseph Zerafa, u mill-Grigal f'parti ma' proprjetà ta' Carmela Briffa u f'parti ma' proprjetà tal-Gvern, li fuqhom illum hemm mibni l-fond numru 44, Triq Xandru D'Amato, Żurrieq, u li jinsabu delineati bl-aħmar u markati bħala Plot 44 u "D" rispettivament fuq L.D. 198/81/17. (HAP 409/96).

(ċ) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 133.27 metru kwadru magħrufa bħala Plot 48, Triq Xandru D'Amato, Żurrieq, li tmiss mill-Majistral ma' Triq Xandru D'Amato, mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Saviour D'Amato et, u mill-Grigal ma' proprjetà ta' Victor Agius, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 48, Triq Xandru D'Amato, Żurrieq, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata bħala Plot 48 fuq L.D. 198/81/17. (HAP 411/96).

(d) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 217.58 metru kwadru magħrufa bħala Plot 49, Triq Xandru D'Amato, Żurrieq, li tmiss mill-Majistral ma' Triq Xandru D'Amato, mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Edward Farrugia, u mill-Grigal ma' Triq Xandru D'Amato, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 49, Triq Xandru D'Amato, Żurrieq, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata bħala Plot 49 fuq L.D. 198/81/17. (HAP 296/96).

(e) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 141.13 metru kwadru magħrufa bħala Plot 111, Triq Widnet il-Baħar, Żurrieq, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà ta' Paul Farrugia, mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Carmel Spiteri, u mix-Xlokk ma' Triq Widnet il-Baħar, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 111, Triq Widnet il-Baħar, Żurrieq, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata bħala P. 111 fuq L.D. 198/81/16. (HAP 593/96).

(f) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 141.2 metru kwadru magħrufa bħala Plot 112, Triq Widnet il-Baħar, Żurrieq, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà ta' Vincent Sciberras, mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Carmelo Spiteri, u mix-Xlokk ma' Triq Widnet il-Baħar, li fuqha llum hemm mibni l-fond

numru 112, Triq Widnet il-Baħar, Żurrieq, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata bħala P. 112 fuq L.D. 198/81/16. (HAP 338/96).

(ġ) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 143.32 metru kwadru magħrufa bħala Plot 113, Triq Widnet il-Baħar, kantuniera ma' Triq Wied Babu, Żurrieq, li tmiss mix-Xlokk ma' Triq Widnet il-Baħar, mill-Grigal ma' proprjetà ta' Carmelo Spiteri, u mil-Lbiċ ma' Triq Wied Babu, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 113, Triq Widnet il-Baħar kantuniera ma' Triq Wied Babu, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata bħala P. 113 fuq L.D. 198/81/16. (HAP 567/96).

(ħ) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 140.95 metru kwadru magħrufa bħala Plot 114, Triq Wied Babu, Żurrieq, li tmiss mill-Majistral ma' proprjetà ta' Carmel Farrugia, mil-Lbiċ ma' Triq Wied Babu, u mill-Grigal ma' proprjetà ta' Emanuel u M'Grazia Zerafa, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 114, Triq Wied Babu, Żurrieq, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata bħala P.114 fuq L.D. 198/81/16. (HAP 543/96).

(i) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 198.87 metru kwadru magħrufa bħala Plot 115, Triq il-Kangu kantuniera ma' Triq Wied Babu, Żurrieq, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà ta' Emanuel u M'Grazia Zerafa, mix-Xlokk ma' proprjetà ta' Pierre Scerri et, u mill-Majistral ma' Triq il-Kangu, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 115, Triq il-Kangu, Żurrieq, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.115 fuq L.D. 198/81/16. (HAP 620/96).

(j) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 133.14 metru kwadru magħrufa bħala Plot 116, Triq il-Kangu, Żurrieq, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà ta' Carmel u Josephine Marmara, mix-Xlokk ma' proprjetà ta' Paul Farrugia, u mill-Majistral ma' Triq il-Kangu, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 116, Triq il-Kangu, Żurrieq, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.116 fuq L.D. 198/81/16. (HAP 585/96).

(k) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 133.14 metru kwadru magħrufa bħala Plot 117, Triq il-Kangu, Żurrieq,

li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà ta' Victor Gauci, mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Emanuel u M'Grazia Zerafa, u mill-Majistral ma' Triq il-Kangu, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 117, Triq il-Kangu, Żurrieq, u li tinsab delineata bl-ahmar u markata P.117 fuq L.D. 198/81/16. (HAP 469/96).

(l) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 133.14 metru kwadru maghrufa bhala Plot 120, Triq il-Kangu, Żurrieq, li tmiss mill-Majistral ma' proprjetà ta' Joseph Sammut, mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Anthony Attard, u mill-Majistral ma' Triq il-Kangu, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 120, Triq il-Kangu, Żurrieq, u li tinsab delineata bl-ahmar u markata P.120 fuq L.D. 198/81/16. (HAP 451/96).

(m) Biċca art tal-kejl ta' madwar 222.37 metru kwadru maghrufa bhala Plot 122, Triq il-Kangu kantuniera ma' Triq Wied Babu, Żurrieq, li tmiss mill-Majistral ma' Triq il-Kangu, mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Joseph Sammut, u mit-Tramuntana ma' Triq il-Wied, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 122, Triq il-Kangu, Żurrieq, u li tinsab delineata bl-ahmar u markata P.122 fuq L.D. 198/81/16. (HAP 673/96).

(17) Id-dar bin-numru 93, Triq Ġużè Ellul Mercer, Dingli (Tenement No. 69621).

(18) Id-dar bin-numru 5, Triq il-Labour, Marsaxlokk (Tenement No. 70062).

(19) Id-dar bin-numru 38, Triq Ġorġ Gravina, Marsaxlokk (Tenement No. 70095).

(20) Id-dar bin-numru 1, Qasam tal-Bini tal-Gvern Fuq Tal-Blat, Triq il-Belt Valletta, Qormi (Tenement No. 69842).

(21) Id-dar bin-numru 4, Qasam tal-Bini tal-Gvern Fuq Tal-Blat, Triq il-Belt Valletta, Qormi (Tenement No. 69845).

(22) *Flat* numru 6, Blokk VI, Triq il-Fontanier, Ta' l-Istabal, Qormi (Tenement No. 64209).

(23) *Flat* numru 3, Blokk G, Area 20, Triq Jean Houel, Ta' Ġiorni, San Ġiljan (Tenement No. 68743).

(24) Id-dar bin-numru 3, Triq il-Luq, Żabbar (Tenement No. 68799).

(25) Id-dar bin-numru 26, Wesgha Hamsa ta' Ottubru, 1974, Ta' Ganza, Żejtun (Tenement No. 67418).